MALTA

# QORTI CIVILI

# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF

## JOSEPH R. MICALLEF

Seduta ta' l-14 ta' Awwissu, 2014

Rikors Numru. 574/2014

Doris **CATANIA**, u Charles Catania għal kull interess li jista' jkollu

vs

Evelyn **FARRUĠIA**

**Il-Qorti:**

Rat ir-Rikors imressaq minn Evelyn Farruġia fit-30 ta’ Ġunju, 2014, li bih u għar-raġunijiet hemm imfissra, talbet li din il-Qorti (i) issib li l-Mandat ta’ Sekwestru maħruġ kontriha mill-intimati Catania fil-5 ta’ Ġunju, 2014, ma jiswiex u għalhekk tordna t-tħassir tiegħu u b’hekk ukoll tordna r-rilaxx taċ-ċedola ta’ depożitu numru 806/2014 u depożiti oħrajn magħmulin b’rabta mal-istess Mandat; jew; (ii) f’każ li ma tintlaqax l-ewwel talba, fid-dawl taċ-ċedola ta’ depożitu msemmija, “tirrevoka *contrario imperio* d-degriet tagħha u tordna r-rilaxx tas-sekwestru kawtelatorju li jġib in-numru 843/14 u sekwestri oħra fuq l-ammont pretiż”;

Rat id-degriet tagħha tal-10 ta’ Lulju, 2014, li bih ordnat in-notifika lill-intimati eżekutanti bi żmien għan-Nota bħala tweġiba għat-talbiet tal-eżekutata;

Rat in-Nota mressqa mill-intimati eżekutanti fit-18 ta’ Lulju, 2014, li biha u għar-raġunijiet hemm minnhom imsemmijin, b’mod preliminari, laqgħu għat-talbiet tal-eżekutata billi qalu li t-talba għat-tħassir tal-Mandat ma tiswiex għaliex l-eżekutata ma tagħti l-ebda raġuni li dwarha hija qiegħda tressaq l-imsemmija talba u wkoll għaliex il-proċedura jmissha nfetħet fl-atti tar-Rikors Maħluf u mhux fl-atti tal-Mandat. Fil-mertu laqgħu billi qalu li ma hemm l-ebda raġuni tajba għaliex il-Mandat imissu jitħassar, iżda f’kull każ, ladarba l-eżekutata għaddiet biex tiddepożita b’ċedola taħt l-awtorita’ tal-Qorti s-somma kawtelata fil-Mandat minnhom maħruġ, kien messha għaddiet ukoll għall-ħruġ tal-Kontro-Mandat u mhux għall-proċedura tal-lum;

Rat l-atti kollha tar-rikors u tal-Mandat li għalih jirreferi;

***Ikkunsidrat:***

Illi din hija proċedura taħt l-artikoli 836(1) u 836(7) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta għat-tħassir ta' Mandat kawtelatorju jew, tal-anqas, għat-tnaqqis tas-somma kawtelata;

Illi mill-fatti ewlenin rilevanti għall-kwestjoni joħroġ li r-rikorrenti eżekutata u l-intimata eżekutanti kienu mdaħħla fi proċeduri quddiem il-Qorti f'kawża li l-imsemmija eżekutata kienet fetħet f'Lulju tal-2010 biex tattakka t-testment ta' ħuha għażeb Gabriel Farruġia li, bis-saħħa tiegħu, l-eżekutanti kienet imħollija legat ta' tletin elf euro (€ 30,000)[1]. It-talba tal-eżekutata ma ntlaqgħetx b'sentenza tad-29 ta' April, 2014, u l-eżekutata appellat minnha;

Illi wara l-għoti ta' dik is-sentenza, fil-5 ta' Ġunju, 2014, l-intimati eżekutanti fetħu kawża[2] kontra l-eżekutata u oħrajn għal-likwidazzjoni tad-danni mġarrbin minnhom minħabba li baqgħu ma ħadux is-somma mħollija lill-eżekutanti fl-imsemmi testment;

Illi dakinhar li l-eżekutanti fetħu l-imsemmija kawża, talbu u kisbu l-ħruġ ta' Mandat ta' Sekwestru kawtelatorju mertu ta' din il-proċedura, iżda l-Mandat inħareġ biss kontra r-rikorrenti eżekutata. It-talba fil-Mandat kienet għas-somma ta' tnejn u għoxrin elf euro (€ 22,000). Il-kawżali kienet l-"ammont kalkolat ai fini ta' dan il-mandat bħala danni sofferti mis-sekwestranti konsegwenza tal-aġir doluż da parti tas-sekwestrata ...". Il-Mandat inħareġ lil seba' (7) sekwestratarji, lkoll banek kummerċjali;

---

[1] Rik. Nru. 763/10JZM

[2] Rik. Nru. 490/14JRM (imqiegħda għas-smigh tal-5.11.2014)

Illi għal dak li jirrigwarda l-konsiderazzjonijiet ta' dritt marbuta ma' din ix-xorta ta' proċedura, kif ingħad bosta drabi fi proċeduri bħal dawn, l-istħarriġ li għandha tagħmel il-Qorti huwa biss wieħed *prima facie* u dan għaliex il-mertu jmissu jiġi mistħarreġ fil-kawża proprja bejn il-partijiet li għad trid tibda tinstema' minn din il-Qorti;

Illi huwa stabilit li l-istħarriġ meħtieġ fi proċedura bħal din huwa marbut ma' eżami x'aktarx formali tal-att li tiegħu qiegħed jintalab it-tħassir. Il-Qorti għandha tistħarreġ li r-rekwiżiti mitluba mil-liġi għall-ħruġ tal-Mandat jidhru mill-att innifsu u li dan ma nħariġx b'mod abbużiv[3];

Illi fid-dawl taż-żewġ preġudizzjali preliminari mqajmin mill-eżekutanti għar-rikors tal-eżekutata, l-Qorti sejra tibda tqis lilhom. **L-ewwel preġudizzjali** hi li r-rikors tal-eżekutata ma jiswiex ladarba naqset li ssemmi r-raġuni għaliex qiegħda titlob it-tħassir tal-Mandat maħruġ kontriha;

Illi jidher li t-talba tal-eżekutata timplika sejħa taħt l-artikolu 836 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta, u dan għaliex ma hemm l-ebda dispożizzjoni oħra fil-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili li titkellem dwar rimedju għat-tħassir ta' Mandati kawtelatorji. Qari tar-rikors tal-istess eżekutata jixhed li hija ma ssemmi espressament l-ebda waħda mid-dispożizzjonijiet tal-imsemmi artikolu 836(1). L-eżekutanti, fid-dawl ta' dan il-fatt, jisħqu n-nuqqas ta' siwi tar-rikors innifsu, billi r-raġuni għat-tħassir tal-Mandat trid tintalab mill-parti eżekutata li tippretendi t-tħassir tal-Mandat maħruġ kontriha. Dwar dan, l-eżekutanti għandhom xi ftit tar-raġun;

Illi l-Qorti tqis li, mill-kliem tal-liġi, jidher li huwa meħtieġ li meta persuna tressaq rikors għat-tħassir ta' Mandat kawtelatorju maħruġ kontra tagħha, din għandha tgħid għal liema raġuni tkun qegħda titlob li dan isir. Dawk ir-raġunijiet jistgħu jkunu aktar minn waħda, imma dejjem iridu

[3] Kumm GMA**23.6.1994** fil-kawża fl-ismijiet ***Paul Ħili et Dr. Joselle Farruġia noe et*** (mhix pubblikata)

jkunu jaqgħu fil-kategorija tas-sitt ċirkostanzi tassattivi li jissemmew fl-artikolu 836(1) tal-Kodiċi tal-Proċedura. Nuqqas bħal dan tqies mill-Qrati tagħna li jkun "fatali għat-talbiet tal-istess rikorrent"[4];

Illi l-Qorti tifhem u temmen bis-sħiħ li jkun biżżejjed għas-siwi tar-rikors li l-kliem użat mir-rikorrent ikun sostanzjalment jaqbel mal-kliem misjub fid-dispożizzjonijiet tal-artikolu 836(1), ukoll jekk ir-rikors ma jiċċitax espressament l-istess dispożizzjonijiet, u dan b'ħarsien ukoll tar-regola li wieħed għandu jħares u jimmira aktar li jagħmel ħaqq milli jintilef f'formaliżmu żejjed. Iżda lil hinn minn hekk, m'għandu qatt jinftiehem li l-ilment ta' rikorrent kontra l-ħruġ kontrih ta' Mandat kawtelatorju jista' jiġi implikat b'xi analoġija jew taħlita ġenerika li ma tissarrafx f'ċirkostanza waħda jew aktar minn dawk imsemmija fl-artikolu rilevanti;

Illi meta wieħed jifli sewwa r-rikors li għandha quddiemha l-Qorti f'dan il-każ, wieħed isib li l-eżekutata ssemmi ċirkostanzi li wieħed jista' bla xkiel kbir jagħraf bħala dawk li għalihom jgħoddu wħud mid-dispożizzjonijiet tal-artikolu 836(1). Hekk, fit-tieni paragrafu, hija tgħid li l-ammont kawtelat bil-Mandat maħruġ mill-eżekutanti huwa wieħed mhux ġustifikat u għal kollox infondat fid-dritt; filwaqt li fit-tielet paragrafu żżid raġuni oħra meta tgħid li l-Mandat inħareġ b'mod fieragħ u biex idejjaq u sar biss bil-fehma li jagħmlilha ħsara. Dawn iż-żewġ raġunijiet iqarrbu sewwa għaż-żewġ kawżali maħsubin fil-paragrafi (d) u (f) tal-imsemmi artikolu 836(1) tal-Kodiċi;

Illi, fid-dawl ta' dan, il-Qorti ma ssibx li l-eżekutanti jgħidu sewwa meta jallegaw li r-rikors tal-eżekutata ma jiswiex;

Illi **t-tieni preġudizzjali** hi li l-proċedura saret ħażin għaliex messha tressqet b'riferenza għall-kawża li l-eżekutanti fetħu kontra l-eżekutata u mhux b'riferenza għall-Mandat li tiegħu qiegħed jintalab it-tħassir;

[4] Ara, per eżempju, P.A. RCP **10.5.2001** fl-Atti tar-Rikors fl-ismijiet ***Joseph Camilleri et vs Anthony Gove' et***

Illi huwa minnu li din il-proċedura tressqet "fl-atti tal-Mandat ta' Sekwestru 843/14" u mhux "fl-atti tar-Rikors Maħluf 490/14";

Illi dwar dan l-aspett, il-Qorti wkoll ma taqbilx mal-fehma tal-eżekutanti. Fl-ewwel lok, il-liġi ma tgħid xejn dwar l-istesura tal-"okkju" fi proċedura taħt l-artikolu 836. Bi tħaddim tal-massima *ubi lex non distinguit nec nos distinguere debemus*, ladarba l-liġi ma tgħidx espressament li hemm nullita', ma jixraqx li wieħed jaħlaqha mix-xejn[5]. Il-ħasra qiegħda f'daqshekk, għaliex mhux darba jew tnejn tressqu rikorsi taħt dan l-artikolu fejn, xi mindaqqiet, issir riferenza għall-kawża u fejn xi drabi oħra ssir riferenza għall-Mandat li jkun intalab it-tħassir tiegħu. Dan in-nuqqas espress tar-rieda tal-liġi jaf joħloq – kif fil-fatt ħalaq f'bosta każijiet – taħwid fir-riferenzi tal-proċeduri nfushom u wkoll fl-amministrazzjoni tal-proċessi u t-tmexxija u ż-żamma tal-atti tal-Qorti. B'daqshekk, ma jfissirx li l-għażla ta' sura waħda jew oħra tissarraf fit-teħid ta' proċedura ħażina jew twassal għat-tħassir tal-att li jkun. Kemm xejn ma għandux jingħad li ladarba l-għan ewlieni fil-proċedura taħt l-artikolu 836 huwa dak li jinħareġ kontro-mandat[6], ikun jidher aktar għaqli li r-rikors jagħmel riferenza għall-Mandat jew Mandati li tiegħu jew tagħhom jintalab it-tħassir milli tissemma l-kawża li tkun qiegħda tistħarreġ il-mertu tal-kwestjoni. Fit-tieni lok, jidher li l-kelma "qorti" fl-artikolu 836(1) m'għandhiex tibqa' titfisser b'riferenza għall-ġudikant partikolari, iżda għall-Qorti li jkollha l-kompetenza li tisma' l-kawża u li tqis is-siwi tal-Mandat skond il-valur tal-kreditu pretiż. Ma hemmx dubju li jkun aktar għaqli li l-kwestjoni dwar it-tħassir tal-Mandat tinstema' mill-istess ġudikant li jkun qiegħed iqis il-mertu tal-kawża, iżda dan mhux dejjem jista' jkun possibbli jew saħansitra prattiku[7];

Illi għalhekk, il-Qorti mhijiex qegħda tilqa' l-preġudizzjali tan-nullita' tal-att imqanqla mill-eżekutanti, lanqas taħt din il-preġudizzjali;

[5] Ara art. 789(1)(a) tal-Kap 12
[6] Ara Formola 19 fl-Iskeda B tal-Kap 12 (art. 1007)
[7] Ara, per eżempju, App. Ċiv. **26.6.2009** fl-atti tar-Rikors fl-ismijiet ***John Patrick Hayman et vs Edmond Espedito Mugliette et***

Illi, kif ingħad aktar qabel, fil-każ tal-lum l-eżekutata tibni t-talbiet tagħha għat-tħassir tal-Mandat fuq żewġ (2) kawżali, u jiġifieri fuq l-artikoli 836(1)(d) u (f) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta;

A) <u>L-ammont mitlub mhuwiex *prima facie* ġustifikat jew hu eċċessiv</u> [Art. 836(1)(d)]. F'dan il-każ ir-rikorrenti eżekutata tgħid li l-pretensjoni tal-eżekutanti hija waħda għal kollox mingħajr l-ebda bażi filwaqt li tixlihom li naqsu li jressqu prospett biex ifissru kif waslu għas-somma ta' tnejn u għoxrin elf euro (€ 22,000) msemmija fil-Mandat;

Illi l-Qorti tifhem li l-kejl li għandu jittieħed biex jitqies it-tħassir ta' Mandat kawtelatorju taħt din ir-ras huwa wieħed li jorbot il-kawżali tal-istess Mandat mal-kreditu msemmi fih. Dan ifisser li l-Qorti għandha tistħarreġ fl-ewwel lok jekk jirriżultax mad-daqqa t'għajn li l-intimat eżekutant għandu bażi ta' pretensjoni, u fit-tieni lok jekk wasalx biex "jillikwida" tali pretensjoni f'somma li taqbel mal-ammont minnu maħluf fil-Mandat. Wieħed m'għandu qatt jinsa li f'dan il-kuntest, il-Qorti trid tkun gwidata mill-prinċipju li d-dritt għall-azzjoni ġudizzjarja m'għandux jiġi mxejjen jew imġarrab b'leġġerezza, u l-ieħor daqstant siewi li huwa dritt li persuna tħares l-interessi tagħha fil-milja tagħhom sakemm il-jedd sostantiv lilha kontestat jiġi definit minn Qorti[8];

Illi mill-atti joħroġ li tabilħaqq l-eżekutanti ma fissrux kif waslu għaċ-ċifra msemmija fil-Mandat maħluf. B'danakollu jirriżulta tabilħaqq li huma għandhom pretensjoni ta' danni kontra l-eżekutata (u oħrajn) li ressquha fl-atti tar-Rikors Maħluf li bih fetħu l-kawża tagħhom. Min-naħa l-oħra, l-eżekutata ma tgħid xejn għaliex l-ammont pretiż mill-eżekutanti huwa wieħed arbitrarju. Ta' min jgħid li l-liġi ma ssemmi xejn dwar xi rekwiżit bħal dan meta titkellem dwar x'inhu meħtieġ biex jista' jintalab il-ħruġ ta' Mandat kawtelatorju[9]. Huwa għalhekk li l-liġi titlob li min jitlob il-ħruġ ta' Mandat kawtelatorju għandu jaħlef il-pretensjoni tiegħu. Użu ħażin ta'

[8] Ara P.A. RCP **29.11.2001** fl-atti tal-Mandat fl-ismijiet ***Vincent Merċieca vs George Galea***
[9] Ara art. 831(1) tal-Kap 12

dan jista' jissarraf f'sanzjonijiet komminati mil-liġi nnifisha. Għalhekk, l-argument imressaq mir-rikorrenti eżekutata huwa wieħed li l-Qorti kompetenti tista' tqis biss meta tisma' l-kawża fil-mertu;

Illi għal din ir-raġuni l-Qorti ma ssibx li t-talba tar-rikorrenti eżekutata fuq din il-kawżali hija mistħoqqa;

B) <u>Jintwera li fiċ-ċirkostanzi mhuwiex raġonevoli li l-mandat jinżamm fis-seħħ jew li huwa ġustifikabbli</u> [Art. 836(1)(f)]. Dwar din il-kawżali, r-rikorrenti eżekutata ttenni li huwa manifestament irraġonevoli li l-Mandat jitħalla fis-seħħ għaliex il-pretensjoni tal-eżekutanti intimati sar b'mod fieragħ u biex idejjaq lil dak li jkun, minbarra li nħareġ bil-ħsieb li jagħmlilha ħsara;

Illi l-Qorti tqis li l-pretensjoni ewlenija tal-eżekutanti hija l-likwidazzjoni ta' danni li huma jgħidu li ġarrbu meta l-eżekutata ittantat tattakka s-siwi ta' testment li fih l-eżekutanti Doris Catania kienet tħalliet legat ta' somma ta' flus;

Illi f'dan il-kuntest biżżejjed jingħad li jekk, 'il quddiem, il-Qorti li ser tqis il-kwestjoni fil-mertu tasal għall-fehma li l-eżekutanti m'għandhomx jedd għall-pretensjonijiet tagħhom kontra l-eżekutata, xorta waħda ma jistax jingħad li l-Mandat ma kienx ġustifikat. Is-suċċess jew telfien ta' kwestjoni fil-mertu ma tista' qatt tfisser li Mandat kawtelatorju nħareġ b'mod vessatorju jew fieragħ[10]. Allura, fil-fehma ta' din il-Qorti, il-kwestjoni ta' jekk huwiex raġonevoli li Mandat kawtelatorju jinżamm fis-seħħ jew jekk huwiex meħtieġ jew ġustifikabbli li tali Mandat jinżamm fis-seħħ ma tiddependi xejn mill-eventwali ċaħda tal-kawżali fil-mertu tat-talbiet tal-intimat eżekutat;

---

[10] Ara, per eżempju, PA JSP **10.1.1992** fil-kawża fl-ismijiet ***Spiteri vs Camilleri*** u P.A. RCP **30.5.2002** fl-atti tal-Mandat fl-ismijiet ***Yorkie Clothing Industry Limited vs Dr Lilian Calleja Cremona***

Illi jingħad ukoll li d-dispożizzjoni tal-liġi taħt eżami timplika li, **wara l-ħruġ tal-Mandat,** tkun tbiddlet xi ċirkostanza li minħabba fiha ma jkunx xieraq li l-istess Mandat jibqa' (għal kollox jew in parti) fis-seħħ[11]. Din it-tifsira toħroġ mill-kliem "jinżamm" u "aktar meħtieġ" li jinsabu fl-imsemmija dispożizzjoni, liema termini t-tnejn jimplikaw li dak li qabel kien jiġġustifika l-ħruġ u ż-żamma fis-seħħ tal-Mandat issa m'għadux il-każ;

Illi f'dan l-istadju tal-proċedura, il-Qorti tara li ma jidher xejn irraġonevoli li persuna tippretendi s-somma msemmija fil-Mandat, ukoll meta wieħed iqis l-ammont tas-somma li kienet tħalliet lill-eżekutanti Doris Catania b'legat. Għalhekk, il-Qorti ssib li m'hemm xejn irraġonevoli, inġustifikat jew mhux meħtieġ li l-Mandat jibqa' fis-seħħ;

Illi fuq dan il-mottiv ukoll, il-Qorti jkollha ssib li r-rikorrenti eżekutata ma tathiex raġuni tajba biex tħassar il-Mandat in kwestjoni;

Illi l-eżekutata talbet ukoll biex, f'każ li ma tintlaqax it-talba tagħha għat-tħassir tal-Mandat maħruġ kontriha, l-Qorti tordna "r-rilaxx tas-sekwestru kawtelatorju li jġib in-numru 843/14 u sekwestri oħra fuq l-ammont pretiż". Din it-talba 'alternativa' ma fiha xejn differenti mit-talba ewlenija, u kemm hu hekk jintuża l-istess kliem. Jekk dan ifisser li l-eżekutata trid li l-Mandat formalment jitħassar ladarba hija għaddiet biex iddepożitat l-ammont imsemmi fih b'xi ċedola taħt l-awtorita' tal-Qorti, allura, kif tajjeb jgħidu l-eżekutanti, hija setgħet dejjem (u kontestwalment mat-tressiq taċ-ċedola) talbet il-ħruġ tal-Kontro-Mandat meħtieġ. Dan għadha tista' tagħmlu. Jekk, min-naħa l-oħra, hija qieghda titlob li kull depożitu li seta' sar minn xi sekwestratarju skond il-liġi[12] sa minn wara l-ħruġ tal-Mandat għandu jinħeles ladarba hija ressqet id-depożitu b'xi ċedola, din il-proċedura ma jidhirx li kienet meħtieġa, ladarba hija għadha tista', f'kull waqt, titlob l-iżbank ta' xi ammonti bħal dawk 'il fuq minn kull somma oħra li għadha qiegħda tikkawtela l-pretensjonijiet tal-eżekutanti;

[11] Ara P.A. GC **3.8.2001** fl-atti tal-Mandat fl-ismijiet ***Dr Tonio Fenech noe vs Dr Patrick Spiteri et noe et***
[12] Art. 376(2)(e) tal-Kap 12

Għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti qiegħda tipprovdi dwar it-talbiet tar-rikorrenti eżekutata billi:

**Tiċħad it-talbiet** tagħha billi mhumiex mistħoqqa fil-fatt u l-liġi u billi ma nġabitx raġuni tajba biex il-Qorti tordna t-tħassir tal-Mandat; u

Tordna li l-**ispejjeż ta' din il-proċedura** jitħallsu mill-istess rikorrenti eżekutata.

## < Sentenza Finali >

-------------------------------TMIEM-------------------------------